FGURA

Kontinwazzjoni tal-Minuti tad-disgħa u ħamsin laqgħa tal-ħames Kunsill Lokali Fgura li nżammet illum 14 ta' Mejju 2009 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Fgura. Il-laqgħa bdiet fis-6.30pm.

**Preżenti:**

**Sindku:** Chev. D. Marmara` KLJ

Kunsillieri: Is-Sur C Agius
Is-Sur S Camilleri
Is-Sinjura R.Cutajar
Is-Sur P. Dalli
Is-Sur M.Lombardo – 20.15hrs.

**Deputat Segretarju:** Is-Sur A. Attard

Is-Sur A Debono kien infurma li ma setgħax jattendi.
Is-Sur C.Bonello u t-Tabib E.Grech MD m'attendewx għal din il-laqgħa.

Is-Sindku qal it-talba fil-bidu tal-laqgħa.

## 1.0 Approvazzjoni ta' Minuti

1.1 **Minuti tal-Laqgħa 21 t'April 2009** – Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-minuti tal-laqgħa ta' 21 t'April 2009 kif ippreżentati. Il-minuti tal-laqgħa ta' 21 t'April 2009 kienu approvati nem con.

## 4.0 Progress ta' Ħidma

4.4.1 Is-Sur S Camilleri ta rendikont ta'x'ġara fuq xogħol fi Triq Wistin Levanzin li l-kuntrattur beda mingħajr LA tal-Water Services Corporation u ġie miftiehem li jsir re-instatement tat-triq b'mod temporanju. Saret diskussjoni.

4.4.2 Is-Sur S Camilleri ressaq mozzjoni ref: 2472/09/5 "Dan il-Kunsill għandu jieqaf milli jkompli bix-xogħolijiet fit-toroq u bankini qabel l-elezzjoni". Din kienet sekondata mis-Sinjura R Cutajar . Il-mozzjoni ref: 2472/09/5 kienet approvata nem con.

4.4.3 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2473/09/5 "Sabiex il-Kunsill jixtri 4 mirja tat-toroq bi spiża ta' mhux aktar minn €400. Waħda għandha teħel f'Ħompesch Rd peress li kien hemm inqalgħet u oħra Triq Ġeranju k/m Valperga". Din kienet sekondata mis-Sur C.Agius. Il-mozzjoni ref: 2473/09/5 kienet approvata nem con.

4.4.4 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2474/09/5 "Sabiex jinxtara l-materjal ħalli jsir bieb tal-ħadid fil-club house fejn jiltaqgħu il-girl guides qabel dak tal-injam bi

spiża ta' mhux aktar minn €500. Dan ix-xogħol għandu jsir mill-ħaddiema tal-IPSL". Din kienet sekondata mis-Sur C.Agius. Il-mozzjoni ref: 2474/09/5 kienet approvata nem con.

4.4.5 Is-Sur C.Agius informa lill-Kunsill b'abbużi li qed iseħħu f'Dejma Road l-parti li taqa' taħt ir-responsabilita' tal-Kunsill Lokali Żejtun iżda l-inkonvenjent qed ibgħatuh residenti tal-Fgura. Ġie deċiż li tintbagħat ittra lill-Pulizija u tiġi kkupjata lill-Kunsill Lokali Żejtun.

Hawnhekk is-Sindku rringrazzja lill-Kunsillier is-Sur C.Agius għan-nom tal-Kunsill għall-kontribut li ta matul dawn it-tlett snin għall-ġid tal-lokalita`. Is-Sur C.Agius irritorna lura ċ-ċwievet tal-cupboard u tal-bieb prinċipali.

4.4.6 Is-Sur P.Dalli ressaq mozzjoni ref: 2475/09/5 "Sabiex il-Kunsill joħroġ somma ta' €1929.60 biex jidħol fl-iskema Attivitajiet Sportivi". Din kienet sekondata mis-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2475/09/5 kienet approvata nem con.

4.4.7 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2476/09/5 "Sabiex il-Kunsill japprova 2% tal-performance bonus ta' Ms A.Marie Curmi". Din kienet sekondata mis-Sur P.Dalli. Il-mozzjoni ref: 2476/09/5 kienet approvata nem con.

4.4.8 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2477/09/5 "Sabiex il-Kunsill isewwi l-pompa fi Ġnien Patri Redent Gauċi bi spiża ta' €480 skond kif anness". Din kienet sekondata mis-Sur P.Dalli. Il-mozzjoni ref: 2477/09/5 kienet approvata nem con.

4.4.9 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2478/09/5 "Sabiex il-Kunsill japprova s-somma ta' €2,530 għal xogħol relatat ma' tqegħid ta' mains fi Triq Mater Boni Consigli skond kif anness." Din kienet sekondata mis-Sur P.Dalli. Il-mozzjoni ref: 2478/09/5 kienet approvata nem con.

4.4.10 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2479/09/5 "Sabiex titħallas is-somma ta' €75 għal-laqgħa tas-Sindki li s-Sindku attenda għalieha". Din kienet sekondata mis-Sur P.Dalli. Il-mozzjoni ref: 2479/09/5 kienet approvata nem con.

4.4.11 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2480/09/5 "Sabiex jiġu approvati €741 biex il-Kunsilliera kollha u ħaddiema klerikali jidħlu fl-iskema tas-saħħa". Din kienet sekondata mis-Sur P.Dalli. Il-mozzjoni ref: 2480/09/5 kienet approvata nem con.

4.4.12 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2481/09/5 "Sabiex dan il-Kunsill jinforma lill-WasteServ biex tingħalaq il-ħofra li hemm fil-Housing Estate ta' Triq Madre Tereża u li jiġi proponut sit ieħor fi Triq Kampanella fejn Marshalls. Għandha ssir konsultazzjoni minn naħa tal-Wasteserv". Din kienet sekondata mis-Sur P.Dalli. Il-mozzjoni ref: 2481/09/5 kienet approvata nem con.

4.4.13 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2482/09/5 "Sabiex titħallas l-assigurazzjoni tat-Tribunal b'€42". Din kienet sekondata mis-Sur P.Dalli. Il-mozzjoni ref: 2482/09/5 kienet approvata nem con.

4.4.14 Saret diskussjoni fuq il-kera tal-post fejn bħalissa qed jiġi utiliżżat bħala Tribunal Lokali, minħabba li skond korrispondenza li l-Kunsill irċieva s-sid

inbidel. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2483/09/5 "Sabiex il-Kunsill jibqa' jħallas il-kirja lis-Sur John Grech sid il-qadim tat-Tribunal, sakemm isir kuntratt ġdid mis-sid il-ġdid. Għal dan il-għan għandha ssir laqgħa ma' l-avukat u s-sid il-ġdid". Din kienet sekondata mis-Sur S.Camilleri. Il-mozzjoni ref: 2483/09/5 kienet approvata nem con.

4.4.15 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2484/09/5 "Sabiex jiġu approvati l-financial statements kif ippreżentati mill-Accountant tal-Kunsill". Din kienet sekondata mis-Sur P.Dalli. Il-mozzjoni ref: 2484/09/5 kienet approvata nem con.

4.4.16 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2485/09/5 "Sabiex jinxtraw 4 tyres għall-van tal-Kunsill bi spiża ta' €200 skond kif anness. It-tip huwa 155/80/13 8PR". Din kienet sekondata mis-Sur P.Dalli. Il-mozzjoni ref: 2485/09/5 kienet approvata nem con.

4.4.17 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2486/09/5 "B'referenza għall-vandaliżmu li sar fil-clubhouse, il-Kunsill qed jitlob bieb ġdid. Dan wara li saritlu ħsara konsiderevoli, estetikament mhux kif kien qabel u lanqas jingħalaq b'sigurta bħal qabel". Din kienet sekondata mis-Sur C.Agius. Il-mozzjoni ref: 2486/09/5 kienet approvata nem con.

4.4.18 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2487/09/5 "Sabiex tiġi approvata s-somma ta' €998 li jkopru spejjeż t'Avukat, Qorti u prokuratur legali fl-Appel tl-kawża kostutizzjonali". Din kienet sekondata mis-Sur P.Dalli. Il-mozzjoni ref: 2487/09/5 kienet approvata nem con.

Is-Sindku tkellem dwar talba li kienet saret mill-Kunsill għal servizz extra ta' Pulizija fejn il-Kunsill ġie mitlub jagħti aktar dettalji fuq din il-materja skond e-mail 17/2146/09/1. Saret diskussjoni u ġie deċiż li terġa tintbagħat l-istess risposta li kienet intbagħtet bid-dettalji rikjesti bħala tweġiba għal din l-ittra.

Ġie deċiż ukoll li tinxtara plakka kommemorattiva lis-Sur L.Grioli bħala rikonoxximent għall-ħidma li wettaq liema spiża ma tkunx aktar minn €25.

Ġie deċiż ukoll li jingħata permess bħas-soltu lill-Għaqda Mużikali u Soċjali Madonna tal-Karmnu sabiex tittella attivita' nhar il-Ġimgħa 26 ta' Ġunju, 2009.

Ġie deċiż ukoll li bħas soltu fl-elezzjoni tas-6 ta' Ġunju 2009 l-Uffiċċju tal-Kunsill jkun magħluq.

Dwar TPS 0462 ġie deċiż li ssir laqgħa ta' ko-ordinament minħabba li f'din it-triq saret bankina ġdida.

**Memo 26/2009 – Kuntratt ġdid dwar skart organiku**

Ġie deċiż li din il-materja titħalla għad-diskussjoni f'Kunsill ġdid.

Is-Sindku talab sabiex jiddiskuti minnufih suġġett numru 16 u 17. Ħadd ma oġġezzjona.

**16 Skadenza Kuntratti**

16.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2488/09/5 "Sabiex jiġi estiż il-kuntratt ta' ġbir ta' skart sa l-aħħar ta' Ġunju 2009". Din kienet sekondata mis-Sur P.Dalli. Il-mozzjoni ref: 2488/09/5 kienet approvata nem con.

16.02 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2489/09/5 "Sabiex jiġi estiż MAG 17/07 għal sena oħra mit-12 t'April '09 sal-11 t'April '10". Din kienet sekondata mis-Sur P.Dalli. Il-mozzjoni ref: 2489/09/5 kienet approvata nem con.

**17 Tibdil Firmatarji tal-Kunsill**

17.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2490/09/5 "Sabiex il-firmatarji tal-Kunsill jinbiddlu mis-Sur Alex Grima għas-Sur Adrian Attard". Din kienet sekondata mis-Sur P.Dalli. Il-mozzjoni ref: 2490/09/5 kienet approvata nem con.

**5 Mistoqsija**

It-tweġiba għall-mistoqsija mressqa mill-Kunsillier is-Sur C.Bonello ma ngħatatx fl-assenza tal-Kunsillier imsemmi.

Is-Sur M.Lombardo daħal fil-kamra – 20:15hrs.

**6 Approvazzjoni ta' Listi**

6.01 **Purchase Request Forms/Orders** – Wara li saret diskussjoni fuq il-listi ppreżentati Dok'B' annessi, is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2491/09/5 "Sabiex jiġu approvati l-Purchase Request Forms annessi li jkopru April u Mejju". Din kienet sekondata mis-Sur P.Dalli. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Sur P Dalli, Sur C Agius, Sur S Camilleri, Sinjura R Cutajar.

. Kontra – Ħadd

Astenzjoni – Sur M Lombardo

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 2491/09/5 kienet approvata b'ħames voti favur, l-ebda vot kontra u astenzjoni waħda.

6.02 **Ħlasijiet** - Wara li saret diskussjoni fuq il-listi ppreżentati Dok'C' annessi, is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2492/09/5 "Sabiex dan il-Kunsill japprova l-ħlasijiet t'April u Mejju annessi bl-eċċezzjoni tal-pagament tal-kumitat konġunt. Dan il-pagament għandu jitħallas 75% minnu peress li ma nagħtax is-servizz kif mixtieq, peress li ma ngħatax foot patrol, il-kwalita` ta' ċitazzjonijiet maħruġa u punti oħra li ġew diskussi fil-kumitat konġunt". Din kienet sekondata mis-Sur P.Dalli.

Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Sur P Dalli, Sur C Agius, Sur S Camilleri, Sinjura R Cutajar.

Kontra – Ħadd

Astenzjoni – Sur M.Lombardo.

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 2492/09/5 kienet approvata b'ħames voti favur, l-ebda vot kontra u astenzjoni waħda.

7 **<u>Serqa mill-Uffiċċju tal-Kunsill</u>**

Saret diskussjoni fuq is-suġġett imsemmi. Il-Kunsill ġie nfurmat li għadda kollox għand l-Insurance. Ġie ssuġġerit li jsir recording wireless ma kumpanija privata.

8 **<u>Budget 2009-2010</u>**

Ġie deċiż li proposti għal dan il-Budget jitħallew għal Kunsill ġdid.

9 **<u>Pjan ta' Ħidma 2009-2012</u>**

Ġie deċiż li proposti għal dan il-Pjan ta' Ħidma jitħallew għal Kunsill ġdid.

10 **<u>Laqgħa tal-Lokalita'</u>**

Ġie deċiż li din il-materja titħalla għad-diskussjoni f'Kunsill ġdid.

11 **<u>Aġġudikazzjoni t'offerta PAV-17-09</u>**

Is-Sur S Camilleri ressaq mozzjoni ref: 2493/09/5 "Biex dan il-Kunsill jagħżel it-tender ta Asfaltar Ltd hawn hekk annessa u skond il-parir tal-perit tal-Kunsill Dieter Falzon A&CE". Din kienet sekondata mis-Sinjura R.Cutajar. Il- mozzjoni ref: 2493/09/5 kienet approvata nem con.

12 **<u>Memo 24/2009 – Skema Aċċessibilita' Aħjar</u>**

Ma kienx hemm interess fuq dan is-suġġett.

13 **<u>Konsultazzjoni Pubblika riforma Trasport Pubbliku</u>**

Ma kienx hemm interess fuq dan is-suġġett.

14 **<u>DP18 – Applikazzjoni għal permess attivita' 25 t'April 2009</u>**

Ma saret l-ebda diskussjoni għal din l-attivita' peress li diġa saret.

15 **<u>Progress Monument Triq Zabbar / Ħompesch</u>**

Ġie deċiż li din il-materja titħalla għad-diskussjoni f'Kunsill ġdid.

**18** **<u>Mozzjoni 2469/09/5</u>**

Is-Sur S.Camilleri ressaq mozzjoni ref: 2469/09/5 "Biex dan il-Kunsill jagħti 6 xhur unpaid leave lis-Segretarju Mr Alex Grima li dan il-leave għandu jibda mill l-erbgħa (4) ta' Mejju 2009. Is-Sur Grima għandu jinforma lill Kunsill fi żmien raġonevoli u mhux inqas min 3 ġimgħat jekk ma ikunx sejjer jirritorna lura fil-Kunsill biex jkompli jaqdi dmirijietu". Din kienet sekondata mis-Sinjura R.Cutajar. Is-Sindku għamel addenda mal-mozzjoni oriġinali fejn tkompli "Dan wara li rċevejna l-awtorizżazzjoni mingħand id-Direttur tal-Gvern Lokali datata 29 t'April 2009 annessa". Il-mozzjoni ref: 2469/09/5 oriġinali flimkien ma' l-addenda kienet approvata nem con.

Il-laqgħa ntemmet fid-9.00pm.

____________________ ____________________

Sindku Segretarju